**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 424/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Dylan Grech**
**(ID 322087(M))**

**Illum: 29 ta' Mejju 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Dylan Grech** ta' 25 sena, iben Alfred u Eileen nee` Coreschi, imwieled il-Pieta`, nhar is-26 ta' Ġunju 1987, residenti ġewwa Bliscourt Penthouse, Triq iż-Żonqor, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 322087(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-2 ta' Marzu 2013 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

a) Produċa, biegħ jew xort'oħra traffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dina r-raża, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur ta' l-

Artikolu 8(e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juri li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[1]

Rat illi l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;[2]

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti, kif ukoll it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi wara li l-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali fis-sens illi l-imputat kien qed ibiegħ ir-raża tal-*cannabis* minn ġewwa residenza f'Santa Venera, wara jiem ta' osservazzjoni, ġie stabbilit liema kienet ir-residenza tal-imputat f'Santa Venera fi Triq iż-Żonqor, fejn huwa kien qed jirrisjedi ma' persuna oħra, ċertu Luciano Attard, li wkoll, skont l-Uffiċjal Prosekutur, seta' kien involut fit-traffikar tad-droga. Għaldaqstant ġie eżegwit mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-istess imputat nhar it-2 ta' Marzu 2013, bir-riżultat li Attard u l-imputat ġew arrestati wara li nstabu u ġew elevati diversi biċċiet tar-raża tal-*cannabis*, *roaches* u affarijiet oħra relatati mad-droga fil-pussess tagħhom. Jirriżulta illi dakinhar tat-2 ta' Marzu 2013, għall-ħabta tat-3:00 p.m. jew l-4:00 p.m., l-imputat ġie mwaqqaf hekk kif kien se jirkeb fil-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni GBN 615 f'Santa Venera u nstab illi f'idu kellu *joint*. Mill-vettura ġiet elevata sustanza suspettata raża tal-*cannabis*, li kienet fl-art, taħt l-i*steering wheel* tal-istess vettura. La darba fir-residenza tal-imputat, saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, minn fejn ġew elevati, "*minn mal-qalziet ta' taht*"[3], tliet biċċiet ossia stikek suspettati raża tal-*cannabis*. Mill-kamra tas-sodda li fiha kien jorqod l-istess imputat, ġew elevati xi flus u mill-*cupboard* tal-kċina ġie elevat ammont ieħor ta' sustanza suspettata raża tal-*cannabis*.

[1] A fol. 8 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 9 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 15 tal-proċess.

**L-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Dennis Theuma** esebixxa Dok. DT konsistenti f'borża b'*joints* u *roaches*, *ashtray* u biċċiet tar-raża tal-*cannabis*, li huwa jgħid li ġew elevati mill-kamra tas-sodda, fil-presenza tal-ko-inkwilin Luciano Attard[4]. Madankollu **PS 579 Antoine Micallef** jixhed illi l-*ashtray*, il-biċċiet tar-raża u r-*roaches* fl-istess esebit ġew elevati mill-kamra tas-sodda li fiha kien jorqod Luciano Attard u mhux minn dik tal-imputat, u illi l-oġġetti kontenuti fl-istess esebit ġew reġistrati fuq Luciano Attard stante illi nstabu fil-kamra tas-sodda tiegħu. Fil-fatt riprodott u wara verifiki ulterjuri l-**Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma** jixhed illi l-esebit Dok. DT jikkonsisti f'oġġetti elevati mill-pussess ta' Luciano Attard, li kien preżenti fir-residenza meta twaqqaf l-imputat odjern.[5] Għaldaqstant, sussegwentment l-istess Uffiċjal Prosekutur esebixxa **Dok. DT 1** ossia somma flus fl-ammont ta' sitt mija u tletin ewro (€630) li nstabu fil-kamra tas-sodda fil-presenza tal-imputat u li dwarhom l-istess imputat iffirma riċevuta, liema riċevuta tifforma parti mill-istess esebit, **Dok. DT 2** konsistenti f'diversi biċċiet ta' sustanza suspettata raża tal-*cannabis* ta' daqs differenti, elevati mill-kamra tal-ikel fil-presenza tal-istess imputat, **Dok. DT 3** konsistenti f'*joint* elevat minn id l-imputat, **Dok. DT 4** ossia tliet biċċiet kannella suspettati raża tal-*cannabis* elevati minn fuq il-persuna tiegħu, **Dok. DT 5** konsistenti f'biċċa sustanza kannella elevata mill-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBN 615 u karta b'xi ismijet u numri ħdejhom u **Dok. DT 6** konsistenti f'żewġ *mobile phones* appartenenti lill-imputat ossia *mobile phone* tal-għamla Nokia u ieħor tal-għamla Samsung, flimkien ma' *SIM Card* tad-ditta Vodafone.

**PS 579 Antoine Micallef** jixhed ukoll illi minkejja li Attard u l-imputat kienu jirrisjedu fl-istess appartament, kull wieħed kellu l-ispazju separat tiegħu, kif ukoll illi lill-imputat ġew attribwiti r-raża tal-*cannabis* li nstabu fuq il-persuna tiegħu u fil-vettura, kif ukoll l-ammonti li nstabu fil-kċina. Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi preżenti waqt it-tfittxija fir-residenza, kien hemm kemm l-imputat odjern, kif ukoll Luciano Attard u illi fil-pussess tiegħu, l-imputat kellu ċ-ċwievet tal-appartament bin-numru 5, fejn saret it-tfittxija ġewwa Triq iż-Żonqor, Santa Venera.

Kemm Attard, kif ukoll l-imputat odjern ġew mitkellma mill-Pulizija u l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar it-3 ta' Marzu 2013, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema jedd huwa għażel li jeżerċitah.[6] Jirriżulta wkoll illi b'riżultat ta' din l-

[4] Ara x-xhieda tal-**Ispettur Dennis Theuma**, a fol. 10 *et seq* tal-proċess.
[5] Mill-atti jirriżulta wkoll illi għalkemm oriġinarjament fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2015, l-Uffiċjal Prosekutur talab il-ħatra ta' espert sabiex janalizza s-sustanza u l-oġġetti esebiti minnu bħala Dok. DT, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti billi ħatret lix-Xjenzat Godwin Sammut għal dan il-għan, sussegwentement fis-seduta tal-15 ta' Frar 2016, huwa rtira din it-talba. L-imsemmija ħatra għalhekk ġiet revokata *contrario imperio* minn din il-Qorti fl-imsemmija seduta (ara a fol. 9 u 19 tal-proċess).
[6] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 4 *et seq* tal-proċess.

investigazzjoni, ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront ta' Attard, li ġie akkużat bir-reat ta' pussess 'sempliċi' tal-*cannabis* u l-każ tiegħu għadda in ġudikat.[7]

**Dr. Martin Bajada** maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza l-*mobile phones* esebiti bħala Dok. DT 6 u joħroġ il-kontenut tagħhom[8], esebixxa r-relazzjoni tiegħu bħala Dok. MB.[9] Mill-istess relazzjoni, jirriżulta illi huwa eżamina żewġ ċellulari ossia i) Samsung Galaxy Young mudell GT-S5360 ta' kulur iswed, b'*SIM card* tas-soċjeta` Vodafone Malta u ii) Nokia mudell 1616-2 ta' kulur iswed, b'*SIM card* tas-soċjeta` Vodafone Malta, kif ukoll iii) *SIM card* tas-soċjeta` Vodafone Malta[10]. Mit-*tags* esebiti mal-istess ċellulari, jirriżulta wkoll illi ċ-ċellulari Samsung instab fuq il-persuna tal-imputat, filwaqt illi ċ-ċellulari Nokia u s-*SIM card* imsemmija nstabu fil-kamra tal-ikel.

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, esebita bħala Dok. GS[11], liema espert ġie maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza Dok. DT 2 sa Dok. DT 5[12], jirriżulta illi huwa analizza s-segwenti dokumenti:

i. *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat **S/B/42/2016** li kien fih:

(1) *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat **DOK DT1 €630 & irċevuta**.

(2) *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat **DOK DT2** li fih:

**i) karta bil-kliem Data: <u>2/3/13</u> Ħin: <u>15:30</u> Elevat/i minn <u>kamra tal-ikel Blis Court Penthouse Triq iż-Żonqor</u> fil-preżenza ta' <u>Dylan Grech</u> minn <u>PS579, PC1348</u> u**

**ii) (ii) sustanzi ta' lewn kannella**.

(3) *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat **DOK DT3** li fih:

**i) karta bil-kliem Data: <u>2/3/13</u> Ħin: <u>15:20</u> Elevat/i minn <u>id Dylan Grech</u> fil-preżenza ta' <u>Dylan Grech</u> minn <u>PS579</u> u**

---

[7] Ara x-xhieda tal-**Ispettur Dennis Theuma**, a fol. 10 *et seq* tal-proċess, ix-xhieda ta' **PS 579 Antoine Micallef**, a fol. 14 *et seq* tal-proċess, ix-xhieda ulterjuri tal-**Supretendent Dennis Theuma**, a fol. 21 *et seq* tal-proċess, ix-xhieda ta' **PS 1174 Adrian Sciberras**, a fol. 24 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **PC 1250 Paul Saliba**, a fol. 28 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' **PC 1348 Joseph Campbell**, a fol. 30 *et seq* tal-proċess;
[8] Ara a fol. 19 u 20 tal-proċess.
[9] Ara r-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, esebita a fol. 38 tal-proċess u x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, a fol. 36 *et seq* tal-proċess.
[10] Il-Qorti tinnota illi d-digriet tal-ħatra ta' Dr. Martin Bajada kien ikopri l-*mobile phones,* iżda mhux is-*SIM card* tas-soċjeta` Vodafone formanti parti minn Dok. DT 6.
[11] Ara din ir-relazzjoni a fol. 51 *et seq* tal-proċess.
[12] Ara a fol. 19 tal-proċess.

ii) ***joint* maħruq**.

(4) *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat **DOK DT4** li fih:

**i) karta bil-kliem Data: 2/3/13 Ħin: 15:35 Elevat/i minn fuq il-persuna ta' Dylan Grech fil-preżenza ta' Dylan Grech minn PS579, PC1348 u**

**ii) sustanzi ta' lewn kannella**.

(5) *Envelope* ta' lewn kannella mmarkat **DOK DT5** li fih:

**i) karta bil-kliem Data: 2/3/13 Ħin: 15:25 Elevat/i minn GBN 615 fil-preżenza ta' Dylan Grech minn PS579, PS474 u**

**ii) sustanzi ta' lewn kannella**.

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar id-dokumenti analizzat minnu:

**(a) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument S/B/42/2016 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż total tal-ħaxix[13] kien ta' 63.84 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 12%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**(b) Illi fuq estratt meħud mill-*joint* li hemm fid-dokument immarkat S/B/42/2016 instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.**

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-piż tas-sustanza f'Dok. DT 2 kien ta' 50.63 grammi, il-piż tas-sustanza f'Dok. DT 4 kien ta' 9.95 grammi, fil-waqt illi l-piż tas-sustanza f'Dok. DT 5 kien ta' 3.26 grammi.[14]

**Luciano Attard** jixhed illi huwa kien qiegħed fir-residenza li kien jikri dak iż-żmien, meta daħlu fuqu l-Pulizija. F'din ir-residenza, huwa kien jgħix flimkien mal-imputat odjern. Dak il-ħin huwa kien qed ipejjep *joint* bir-raża tal-*cannabis*. Jixhed illi dak iż-żmien huwa kellu l-vizzju tal-*cannabis* u illi din kien jixtriha

---

[13] Fix-xhieda tiegħu (a fol. 49 u 50 tal-proċess), l-istess espert jirreferi għall-"*piż total tas-sustanza*" u mhux għall-"*piż total tal-ħaxix*". Il-Qorti tqis dan tal-aħħar bħala żball da parti tal-istess espert u dan tenut kont tal-fatt illi huwa evidenti kemm mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li elevaw l-oġġetti in kwistjoni, kif ukoll mill-kontenut tal-esebiti li l-Qorti rat hija stess, illi s-sustanza ma kinitx tikkonsisti f'ħaxix iżda fi blokok kannella ossia raża tal-*cannabis*. Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja l-konklużjoni tiegħu, l-istess espert jiddeskrivi l-kontenut ta' kull esebit għajr għal Dok. DT 3, bħala "*sustanzi ta' lewn kannella*" u mhux ħaxix (ara paġna 2 u 3 tar-relazzjoni).

[14] Ara wkoll ix-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 49 *et seq* tal-proċess.

mill-Gżira, mingħand wieħed imlaqqam '*is-Soho*'. Normalment kien jixtri r-raża mingħandu, iżda jekk ma jkollux kien jipprova jixtri minn x'imkien ieħor. Qatt ma ddobba mingħand ħaddieħor għaliex dawn l-affarijiet jiswew il-flus u ħadd ma kien ħa jagħtih b'xejn. Jgħid illi dakinhar fil-kamra tiegħu "*naf li sabu*" u li kellu *ashtray*, li kienu ħaduhielu. Jgħid ukoll illi kellu xi ħaġa fil-*fridge*, iżda ma jafx x'sabu eżatt, għaliex hu ma kienx joqgħod waħdu. Skont hu, hu u l-imputat kienu jitfgħu l-affarijiet ossia l-i*smoke* fil-*fridge*. Din kienet tagħhom it-tnejn. B'referenza għall-fatt illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa kien qal illi ma kellu x'jaqsam xejn mad-droga li nstabet fil-kċina, huwa jixhed illi meta daħlu l-Pulizija fuqu, huwa kellu qatgħa kbira u kien taħt xokk, li missieru kien fil-Pulizija u huwa beda jibża' ħafna. Kien niżel kokka u riedu jlibbsuh il-manetti, beda jirtgħod u kien qalilhom li ried jitlaq il-barra mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u li ma riedx jorqod hemm. Ma jafx x'kienu sabu eżattament il-Pulizija, iżda jaf li huwa kellu "*waħda*" fil-*fridge* u kellu wkoll l-affarijiet tiegħu fil-kamra. Ma jiftakarx kemm kien hemm fil-*fridge*, iżda dawn ma kinux tiegħu biss, jaf li kellu tiegħu u jaf li kien hemm iżjed mir-raża tiegħu. Jgħid illi hu u l-imputat ġieli pejjpu flimkien, billi qasmu sigarett bejniethom.[15]

Riprodott, l-istess **Luciano Attard** jixhed fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija, illi qabel itteħditlu l-istqarrija, l-Uffiċjal Prosekutur qallu li jista' jigdeb fl-istqarrija basta ma jigdibx fil-Qorti, b'dan illi wara jgħid ukoll illi l-Uffiċjal Prosekutur ma qallux biex jigdeb iżda kien qallu li l-importanti li ma jigdibx fil-Qorti. Skont hu allura fl-istqarrija kien gideb sabiex ifittex jitlaq 'il barra mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u illi l-verita` kienet illi "*l-affarijiet kelli minnhom jiena*", kif qal fix-xhieda preċedenti tiegħu. Skont hu kellu xi biċċtejn fil-*fridge* għalkemm ma jiftakarx eżatt għax għadda ż-żmien u kellu wkoll xi ħaġa tar-raża fil-kamra li kien qed juża minnha. Jixhed illi hu u l-imputat kienu jgħixu flimkien u hu kemm il-darba ta lill-imputat minn tiegħu. Jixhed in oltre illi l-imputat ġieli kien ikollu sigarett fuq il-mejda u mingħajr ma jistaqsih, huwa kien jaqbad u jieħu mill-*ashtray* u jqabbdu. Dwar dan jgħid illi jew kien jieħu xi żewġ nifsijiet u jerġa' jitfgħu fl-*ashtray* jew ġieli pejjpu kollu. Ġieli kien ikun hemm l-imputat u ġieli ma kienx ikun hemm; kien ikun qed jagħmel xi ħaġa fil-bitħa jew fuq il-bejt per eżempju u hu jaqbad u jixgħel is-sigarett. Bl-istess mod, jekk l-imputat kien ikollu biċċa fuq il-mejda, huwa lanqas kien jistaqsih u kien jaqbad dik il-biċċa. Skont hu, dan bħal meta tkun qed tgħix ma' ħaddieħor, ikollok biċċa kejk fil-*fridge* u jeħodlok *slice*. Fi kliemu "*Jekk ikolli sigarett fuq il-mejda, bniedem qed jghix mieghi, u x'jghidulu, ha nghidlu xi haga jien ghax hadli nifs*". Jixhed ukoll b'referenza għal dak li kien qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi l-imputat ġieli tah mir-raża tiegħu u qatt ma żammlu flus, kif ukoll illi bl-istess mod huwa ġieli ta mir-raża tiegħu lill-istess imputat. Dak li nstab fil-kamra tiegħu

[15] Ara din ix-xhieda a fol. 65 *et seq* tal-proċess.

kien tiegħu, filwaqt li xi biċċiet fil-*fridge* kienu tiegħu wkoll, għalkemm ma kienx qal hekk fl-istqarrija rilaxxjata minnu.[16]

Il-Prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija rilaxxjata minn Luciano Attard lill-Pulizija Eżekuttiva nhar it-2 ta' Marzu 2013 bħala Dok. LA.[17]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ illi l-Qorti tiddetermina l-valur probatorju li għandha tingħata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar it-3 ta' Marzu 2013, liema stqarrija ġiet rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva wara li huwa ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ottjena parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu[18], iżda mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-istess interrogatorju. Fil-fatt, fiż-żmien in kwistjoni, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi lill-persuna arrestata b'dan id-dritt, illi daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin fir-rigward, inkluż iżda mhux biss is-sentenzi fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** (Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' Ottubru 2018), **Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021), **Clive Dimech vs Avukat Ġenerali** (Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat** (Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022) u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022).

Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ, minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija tiegħu, ir-rikorrenti kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-Pulizija, fl-istqarrijiet tiegħu, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi li sarulu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. F'dan il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

> "36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt

[16] Ara din ix-xhieda a fol. 76 *et seq* tal-proċess.
[17] Ara a fol. 85 *et seq* tal-proċess.
[18] Irid jingħad fir-rigward illi għalkemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu ma jirriżultax illi l-imputat ingħata u ottjena l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-istess stqarrija, mix-xhieda tal-**Ispettur Dennis Theuma** jirriżulta illi l-imputat ingħata dan il-jedd u ikkonsulta mal-avukat Dr. Gianluca Caruana Curran (ara a fol. 11 tal-proċess).

fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih</u>. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali." [sottolinear tal-Qorti]

Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, <u>waħda minnhom ġuramentata</u>, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.  F'dan is-sens ukoll iddeċidiet l-istess Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u>** tas-16 ta' Mejju 2019.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella</u>** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **<u>Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et</u>**:

"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha,

ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."

Irid jingħad ukoll illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Jannar 2021, fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs L-Avukat tal-Istat**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrija rilaxxjata mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2010, meta allura persuna suspettata kellha l-jedd li titkellem ma' avukat biss qabel l-interrogazzjoni tagħha:

"26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

> *"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'*overall fairness*' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta'

Novembru 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019).

30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil-kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal-Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat id-dritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali *The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah* (att ta' akkuża numru 11/2015) ma tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija."

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello** tat-18 ta' Novembru 2021, fejn hemmhekk dik il-Qorti segwiet l-insenjament fl-aħħar sentenza hawn fuq ċitata, wara li qieset illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu Militello ammetta għar-reati li huwa tressaq dwarhom quddiem il-Qorti:

"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qagħdetx lura milli tordna l-isfilz ta' stqarrijiet meta sabet li fihom hemm dikjarazzjonijiet inkriminanti. L-aktar waħda riċenti li din il-Qorti ltaqgħat magħha kienet dik fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt et** (Att t'Akkuża 5/2017) mogħtija fis-27 t'Ottubru 2021 ...:

"din il-prova li ittieħdet meta l-appellant ma kellux il-jedd li jiddefendi ruħu hija prova determinanti tant illi, bil-mod kif l-appellant wieġeb għal mistqosijiet li sarulu huwa seta' inkrimina ruħu irrevokabbilment u dan bi preġudizzju serju għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan ifisser illi għalkemm għad irid jiġi iċċelebrat il-ġuri, madanakollu huwa bil-wisq evidenti f'dan l-

> istadju tal-proċeduri, meta il-Qorti hija mogħnija bil-provi kkumpilati, illi l-prova li l-Prosekuzzjoni qed tfittex li tagħmel, kemm permezz tad-dikjarazzjonijiet verbali magħmula mill-appellant, kif ukoll dawk magħmula fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija, tista' tkun vvizzjata minħabba il-fatt illi l-appellant ma setax jiddefendi ruħu kif xieraq u għalhekk din il-prova għandha tiġi imwarrba. F'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi n-nuqqasijiet minnha ravviżati ma jistgħu bl-ebda mod jiġu sanati għaliex l-Imħallef togat neċessarjament irid iwissi lil ġurati fl-indirizz finali tiegħu b'dawn l-imsemmija nuqqasijiet, li x'aktarx ser jivvizjaw l-istqarrija u dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant miksuba mingħajr ma kellu ebda difiża, sabiex b'hekk ikun ferm riskjuż li huma jistrieħu fuqha meta jiġu biex jagħmlu il-ġudizzju aħħari tagħhom. Dan minħabba l-fatt li meta din il-Qorti twieżen il-valur probatorju ta' din l-istqarrija meta komparat mal-pregudizzju irrimedjabbli li ser ibati l-appellant f'kaz l-istess tiġi ammess, huwa indubitat illi il-preġudizzju rekat jiżboq il-valur probatorju tagħha. Il-Qorti għalhekk qed titbiegħed mill-fehma milħuqa mill-Qorti Kriminali f'dan ir-rigward."

Finalment, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion** tal-4 ta' Mejju 2022, fejn ingħad hekk:

> 19. Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[19] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta' l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti

[19] Hawnhekk il-Qorti rreferiet għas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Clive Dimech vs Avukat Generali**, **The Police vs Alexander Hickey**, **Morgan Onuorah vs l-Avukat ta' l-Istat**.

> Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu."

Fil-każ odjern, għalkemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu l-imputat m'għamilx dikjarazzjonijiet inkriminanti fis-sens ristrett tal-kelma u dan billi la ammetta illi huwa kien jitraffika r-raża tal-*cannabis* u lanqas illi kellu l-pussess aggravat tal-istess, madankollu, huwa evidenti illi kemm il-darba l-Qorti tqis illi din l-istqarrija għandha tingħata valur probatorju u teħodha in konsiderazzjoni mal-bqija tal-provi proċesswali, allura din se tkun ta' preġudizzju għalih tal-inqas in kwantu t-tieni imputazzjoni li biha huwa jinsab mixli bir-reat ta' pussess aggravat tar-raża tal-*cannabis*. Dan għaliex fl-istess stqarrija, l-imputat jammetti illi d-droga li nstabet fl-appartament in kwistjoni, salv għal dak li nstab fil-kamra ta' Attard, kienet tiegħu u dan apparti r-risposti xejn konvinċenti tal-imputat għall-mistoqsijiet li sarulu mill-Uffiċjal Investigattiv kemm in kwantu d-droga li nstabet fuq il-persuna tiegħu, kif ukoll dwar il-karta b'ismijiet u numri li nstabet fil-vettura u dwar il-messaġġi fuq il-*mobile phones* li huwa jammetti li kienu jappartjenu lilu. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti qed tiskarta l-kontenut tal-istess stqarrija meħudha lill-imputat mingħajr il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu, bħala nieqsa minn valur probatorju.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-każ tal-lum, l-imputat odjern qed jiġi akkużat fl-ewwel lok, bir-reat ta' traffikar tar-raża tal-*cannabis* u fit-tieni lok, bir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Mill-atti proċesswali jirriżulta ċar illi nhar it-2 ta' Marzu 2013, l-imputat instab fil-pussess tar-raża tal-*cannabis* u dan kemm in kwantu jirriżulta illi nstabet biċċa raża tal-*cannabis* fil-vettura li huwa kien qed jagħmel użu minnha li, skont ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, kellha piż ta' 3.26 grammi, kif ukoll illi nstabu tliet biċċiet ossia stikek tar-raża fuq il-persuna tiegħu, ossia mal-qalziet ta' taħt tal-istess imputat, li skont ir-relazzjoni tal-imsemmi espert, kellhom piż kumplessiv ta' 9.95 grammi. Dan oltre illi fil-ħin li huwa ġie mwaqqaf, l-imputat kellu *joint* tal-*cannabis* f'idu.

Jirriżulta wkoll illi f'*cupboard* fil-kċina tal-fond tar-residenza tal-imputat u ta' Luciano Attard, instabu wkoll diversi biċċiet tar-raża tal-*cannabis*, illi mir-relazzjoni tal-espert imsemmi, jirriżulta illi kellhom piż ta' 50.63 grammi. Sfortunatament, l-espert la jindika kemm il-biċċa kien hemm f'dan l-esebit u lanqas il-piż rispettiv tagħhom, iżda wara li l-Qorti fliet hija stess l-istess esebit, irriżultalha illi dan kien jikkonsisti f'diversi biċċiet, fosthom żewġ biċċiet pjuttost imdaqqsa.

Jirriżulta wkoll illi filwaqt illi l-Prosekuzzjoni attribwiet ir-raża u l-oġġetti misjuba fil-kamra tas-sodda ta' Luciano Attard lill-istess Attard, mill-banda l-oħra, oltre r-raża tal-*cannabis* li nstabet fuq l-imputat u fil-vettura, ir-raża tal-*cannabis* misjuba fil-*cupboard* tal-kċina ġiet attribwita lill-istess imputat u dan kemm fid-dawl ta' dak li ddikjara l-imputat fl-istqarrija rilaxxjata minnu, liema stqarrija, kif ingħad, il-Qorti qed tqisha bħala nieqsa minn valur probatorju, kif ukoll fid-dawl ta' dak li stqarr Luciano Attard fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva. Din l-aħħar stqarrija madankollu ma tagħmilx prova fil-konfront tal-imputat odjern.[20]

Kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Prosekuzzjoni esebiet l-istqarrija rilaxxjata minn Luciano Attard f'dawn il-proċeduri u dan għal fini ta' kontroll tal-istess xhud. Fir-rigward, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Victor Gauci</u>** fejn ingħad hekk:

> "Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le."

Minkejja għalhekk illi Luciano Attard, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kien stqarr illi r-raża misjuba fil-*cupboard* tal-kċina tal-fond in kwistjoni kienet tappartjeni biss lill-imputat odjern, il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq din l-istqarrija, li kif ingħad ma tagħmilx prova fil-konfront tal-imputat. Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, minflok, l-istess Attard xehed illi r-raża misjuba fil-kċina tal-fond – skont hu fil-*fridge* – kienet in parte tiegħu u in parte tal-imputat. Dwar dan l-istess xhud ma jispeċifikax kemm minn din id-droga kienet tiegħu, iżda f'mumenti jgħid illi kellu biċċa u f'mumenti oħra biċċtejn u anke illi ma jiftakarx eżatt. Fir-rigward, il-Qorti tikkunsidra illi minkejja li ma temminx lix-xhud meta jixhed illi l-Uffiċjal Prosekutur bħal ried jagħtih x'jifhem illi seta' jigdeb fl-istqarrija, basta li ma jigdibx fil-Qorti – tant illi fil-fatt l-Uffiċjal Prosekutur straħ fuq dak li stqarr l-istess Luciano Attard fl-istqarrija tiegħu sabiex ħa passi kontra tiegħu biss dwar ir-reat ta' pussess sempliċi tar-raża tal-*cannabis*, li jfisser illi l-istess Uffiċjal Prosekutur emmen lil Attard in kwantu l-kontenut tal-istess stqarrija –

[20] <u>L-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali</u> jgħid hekk: "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*."

madankollu, anke li kieku l-Qorti kellha tqis ix-xhieda tal-istess Attard in kwantu r-raża misjuba fil-*cupboard* tal-istess fond bħala inveritiera, m'hemmx provi oħra fl-atti illi a bażi tagħhom il-Qorti tista' tattribbwixxi l-pussess u l-kontroll tar-raża kollha li nstabet fil-kċina lill-istess imputat esklussivament. Dan qed jingħad anke għaliex fil-fond kienu jgħixu kemm l-imputat, kif ukoll Attard u din ir-raża nstabet f'parti komuni tal-istess fond, kif ukoll għaliex jirriżulta ċar kemm mix-xhieda ta' Attard, kif ukoll mill-fatt illi f'id l-imputat instab *joint*, illi kemm l-imputat, kif ukoll Attard kien jagħmlu użu mir-raża tal-*cannabis*. Għalhekk fid-dawl tax-xhieda tal-istess Attard dwar ir-raża hekk misjuba u fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova oħra fir-rigward, il-Qorti tista' tasal sabiex tikkonkludi biss illi parti mir-raża fil-*cupboard* tal-kċina kienet fil-pussess u l-kontroll tal-imputat odjern, u dan mingħajr prova ta' piż ta' din il-parti.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, kif ukoll tal-fatt illi jirriżulta kif ingħad illi l-imputat kien jagħmel użu mir-raża tal-*cannabis*, jeħtieġ illi l-Qorti tikkunsidra jekk jirriżultax sodisfaċentement ippruvat illi r-raża tal-*cannabis* fil-pussess tiegħu kinitx għall-użu esklussiv tiegħu jew xort'oħra.

Fl-ewwel lok, irid jingħad illi l-imputat twaqqaf waqt illi kien ħiereġ mid-dar u rikeb fil-vettura tiegħu, meta fil-pussess tiegħu, huwa kellu mhux biss *joint* f'idu, iżda tliet stikek tal-*cannabis*, f'piż totali ta' 9.95 grammi. Anke jekk l-imputat kien huwa stess jagħmel użu mir-raża tal-*cannabis*, mill-banda l-oħra huwa kien ħiereġ bi kwantita` ta' droga tali, li l-Qorti ma tistax tqis li huwa kien qed iġorrha miegħu sabiex jagħmel użu minnha, u dan tenut kont illi normalment doża tipika ta' *cannabis* f'*joint* hija dik ta' 0.2 grammi, mil-liema piż allura wieħed seta' joħroġ ċirka 45 *joints*.[21] Iżjed minn hekk fuq il-persuna tiegħu, l-imputat ma kellux biss biċċa waħda tar-raża tal-*cannabis*, iżda tliet stikek ta' daqsijiet tassew simili.

Fit-tieni lok, il-Qorti imbagħad qed tqis ukoll xi messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phone* tad-ditta Samsung li nstab fil-pussess tal-imputat. Dwar dan il-*mobile phone*, il-Qorti tinnota illi għalkemm l-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti waqt it-tfittxija, li xehdu f'dawn il-proċeduri, ma xehdux dwar il-*mobile phones* formanti parti minn Dok. DT 6 esebiti mill-Uffiċjal Prosekutur, u li skont ix-xhieda tiegħu, kienu jappartjenu lill-imputat, mill-kontenut tal-*mobile phone* Samsung Galaxy Young jirriżultaw diversi ritratti tal-istess imputat u għaldaqstant, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dan kien jappartjeni lilu. Fuq l-istess *mobile phone*, jirriżultaw is-segwenti messaġġi li ntbagħtu lilu dakinhar stess illi ġie arrestat u l-għada, inkluż fil-ħin li kien għadu arrestat[22]:

---

[21] Ara fir-rigward https://www.emcdda.europa.eu/publications/drug-profiles/cannabis_en u b'mod partikolari fejn jingħad illi "*The average 'reefer' cigarette contains around 200 mg of herbal cannabis or cannabis resin.*"
[22] Mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat jirriżulta illi din ittieħdet f'nofsinhar nhar it-3 ta' Marzu 2013.

| | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| 25 *Received* | 2013-03-02<br>02:00:56<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Hey man can i get 50euros worth? /ojaai* |
| 24 *Received* | 2013-03-02<br>12:07:38<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Hey man can i get 50euros worth? /ojaai* |
| 23 *Sent* | 2013-03-02<br>12:08:06<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Ok* |
| 22 *Received* | 2013-03-02<br>12:10:13<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Would it be possible if i payed you 60euros on friday for it?* |
| 21 *Sent* | 2013-03-02<br>12:11:25<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Ok* |
| 20 *Received* | 2013-03-02<br>12:14:04<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Cool man , should we meet at hscb just let me know when i shud go there* |
| 19 *Sent* | 2013-03-02<br>12:14:44<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Not now later on ok* |
| 18 *Received* | 2013-03-02<br>12:15:07<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Ok* |
| 17 *Received* | 2013-03-02<br>15:02:36<br>**+35699944439**<br>**Loswet Nlomdija** | *Hey man hows it goin, when should i meet up with ya ? /ojaai* |

| | | |
|---|---|---|
| 14 *Received* | 2013-03-03 10:56:27 **+35699944439 Loswet Nlomdija** | *Hey man when do you wanna meet up ?* |
| 11 *Received* | 2013-03-03 10:56:33 **+35699944439 Loswet Nlomdija** | *?* |
| 10 *Received* | 2013-03-03 13:27:26 **+35699944439 Loswet Nlomdija** | *Hey man thought we were gonna meet up for the 50 euros worth ?, when you have time to meet up? /ojaii black dude =)* |

Fil-kuntest tas-sejba tar-raża tal-*cannabis* fuq il-persuna tal-imputat hekk kif kien ħiereġ mir-residenza tiegħu, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula dwar l-istess, oltre il-biċċiet tar-raża tal-*cannabis* li nstabu ġewwa l-kċina tar-residenza – li kienu f'ammont ta' 50.63 grammi u li tal-inqas parti minnhom kienu fil-pussess u taħt il-kontroll tal-istess imputat – kif ukoll illi l-messaġġi *supra* ntbagħtu lill-imputat proprju dakinhar stess tal-arrest tiegħu, wieħed minnhom viċin ferm tal-ħin tal-arrest tal-istess imputat[23], uħud mil-liema messaġġi l-imputat anke weġibhom, il-Qorti ma tistax ħlief tqis l-istess messaġġi bħala li kienu jirreferu proprju għar-raża tal-*cannabis* ossia l-unika droga li nstabet fil-pussess tal-imputat, inkluż kif ingħad fil-ħin li huwa kien ħiereġ mir-residenza tiegħu. Ma' dan, imbagħad, il-Qorti qed tqis ukoll illi fil-vettura tal-imputat instabet karta b'notamenti li tindika ismijiet jew laqmijiet u ħdejn kull isem jew laqam, numru u ċioe` *Tori* 75, *Luc* 400, *Safari* 50, *Lugi* 300, *Lingilis* 90 u *Kit* 280, liema notamenti, fiċ-ċirkostanzi riżultanti, huma ferm indikattivi ta' spaċċ ta' droga.

Għaldaqstant, il-Qorti qed tqis illi <u>t-tieni imputazzjoni</u> miġjuba fil-konfront tal-imputat tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad li trid il-liġi.

In kwantu <u>l-ewwel imputazzjoni</u> miġjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tqis illi matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Luciano Attard jixhed *inter alia* illi l-imputat ġieli tah mir-raża tal-*cannabis* tiegħu mingħajr ma żammlu flus, kif ukoll illi l-imputat ġieli kien ikollu sigarett fuq il-mejda u mingħajr ma jistaqsih, huwa (ossia Attard) kien iqabbdu. Dwar dan jgħid illi kien jieħu xi żewġ nifsijiet u jerġa' jitfgħu fl-*ashtray* jew ġieli pejjpu kollu. Ġieli kien ikun hemm l-imputat u

[23] Ara l-messaġġ bin-numru 17 li ntbagħat lill-imputat fit-15:02:36. Mix-xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef jirriżulta illi l-imputat ġie mwaqqaf għall-ħabta tat-3:00 p.m. jew l-4:00 p.m. tal-jum in kwistjoni. Fil-fatt mit-*tag* esebit mal-*joint* maħruq li nstab f'id l-imputat, jirriżulta illi dan ġie elevat fit-3:20 p.m u illi d-droga fil-vettura ġiet elevata fit-3:25 p.m (ara a fol. 53 u 54 tal-proċess ossia paġni 2 u 3 tar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut.

ġieli ma kienx ikun hemm u hu kien jixgħel is-sigarett. Bl-istess mod, jekk l-imputat kien ikollu biċċa fuq il-mejda, huwa lanqas kien jistaqsih u kien jaqbad dik il-biċċa. Fir-rigward ta' din il-parti tax-xhieda ta' Attard, il-Qorti tqis illi m'hemm xejn inverosimili, u dan tenut kont tal-fatt illi dawn kienu jabitaw flimkien u t-tnejn kienu jagħmlu użu mir-raża tal-*cannabis*.

In kwantu din ix-xhieda, il-Qorti tqis fl-ewwel lok illi l-fatt illi l-imputat kien jagħti mir-raża tiegħu lil Attard, anke jekk mingħajr korrispettiv, diġa` jammonta għar-reat ta' traffikar. Imbagħad għall-bqija, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu 2008, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, fejn l-istess Qorti rriteniet hekk:

> "Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar". [sottolinear miżjud]

Mix-xhieda ta' Attard jirriżulta illi kien proprju dan li kien iseħħ bejn l-imputat u l-istess Attard. L-imputat kien iħalli d-droga tiegħu fil-fond residenzjali fejn huwa kien jabita ma' Attard, f'post aċċessibbli għal Attard, fejn kien jaf li x'aktarx Attard kien se jieħu minnha (u dan qed jingħad tenut kont tal-fatt illi Attard ukoll kien jagħmel użu mir-raża tal-*cannabis*, u dan b'mod regolari, kif ukoll u b'mod partikolari għaliex jidher illi dan seħħ diversi drabi), kif fil-fatt kien jagħmel. Tqis in oltre fir-rigward illi l-imputazzjonijiet odjerni jirreferu mhux biss għat-2 ta' Marzu 2013, iżda wkoll għas-sitt xhur ta' qabel din id-data, kif ukoll illi l-imputat u Attard kienu jirrisjedu flimkien.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata. F'dan il-kuntest, naturalment, jirriżulta wkoll ir-reat ta' pussess aggravat ta' dik ir-raża tal-*cannabis* fil-pussess tal-imputat, li l-istess imputat kien jgħaddi lil Attard jew li kien jagħmel użu minnha Attard.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, kif aġġornata sa Awwissu tas-sena 2020, liema fedina penali mhijiex waħda allarmanti u tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija dwar użu ta' opra tal-baħar mingħajr reġistrazzjoni u dwar pussess tar-raża tal-*cannabis*, dwar liema reati l-imputat ingħata liberazzjoni kundizzjonata.

Qed tqis ukoll in-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll l-ammont ta' droga mertu tal-każ odjern. Tqis in oltre illi għandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti qed tikkunsidra wkoll għall-fini ta' piena, illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2013, u illi għalkemm kien hemm seduti li fihom id-difiża talbet differiment, il-maġġor parti tad-dewmien fil-proċeduri ma kienx imputabbli lill-imputat.

Qed tqis in oltre illi għalkemm mill-pussess tal-imputat ġiet elevata s-somma ta' sitt mija u tletin ewro (€630), il-provenjenza ta' dawn il-flejjes ma tirriżultax mill-atti jew aħjar, ma jirriżultax illi din is-somma kienet provenjenti minn spaċċ ta' droga u għaldaqstant, il-Qorti se tordna r-rilaxx ta' din is-somma lill-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a) u 8(b), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Dylan Grech** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **seba' (7) xhur priġunerija effettiva** u **multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn, sebgħa u sebgħin ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€277.65), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, kif ukoll is-somma ta' erba' mija u tletin ewro u sebgħin ċenteżmu (€430.70)[24], rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' Dr. Martin Bajada; b'kollox tali somma ammontanti għas-somma ta' seba' mija u tmien ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€708.35), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' sitt mija u tletin ewro (€630) esebita bħala Dok. DT 1 favur il-ħati.

---

[24] Stante illi n-nomina ta' Dr. Martin Bajada kienet tkopri l-*mobile phones* (tal-għamla Samsung u Nokia), iżda mhux is-*SIM card* tas-soċjeta` Vodafone Ltd. ukoll formanti parti minn Dok. DT 6, il-Qorti qed tnaqqas mill-ispejjeż totatli konnessi mal-ħatra tal-istess espert, l-ispejjeż relatati mal-analizi ta' din is-*SIM card*, ossia s-somma ta' għoxrin ewro (€20) u l-ammont ta' VAT fuq l-istess somma.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti bħala Dok. DT 2, DT 3, DT 4 u DT 5, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

In oltre tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-kontenut tal-*mobile phone* Samsung Galaxy Young mudell GT-S5360, formanti parti minn Dok. DT 6 u dan in konnessjoni ma' pornografija li possibilment tista' tinvolvi l-minuri.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

Oriana Deguara
Deputat Reġistratur